MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Numru 547/2005

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Joseph Callus, iben Benedetto,
imwieled Kirkop fil-11 ta'
april, 1959

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-6 ta' settembru, 2003 bħala proprjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond numru 12, Lusin, Triq l-Isqof S. Gaffiero, Għargħur b'diversi atti magħmulin minnu b'risoluzzjoni waħda fi żminijiet differenti, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkometta serq ta' dawl elettriku ta' Lm547.99 għad-dannu

tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur;
2. talli fl-istess ċirkostanżi kkometta ħsara volontarja fuq meter tad-dawl tal-marka 'Elia' liema ħsara ma teċċedix Lm50 għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' frar, 2006 fejn rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputat ħallas dak kollu dovut.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' frar, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2)(3), 325(1)(ċ) u 326(1)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' Lm65.31 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------